MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru. 250/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)**

**vs**

**Shokri Ali Alalwani ta’ 20 sena bin Ali u Zara nee` Ibrahim imwieled Libya fid-9 ta’ Gunju, 1980 u joqghod ‘Enchante’, Triq l-Imdina, Zebbug. Detentur tal-Karta tal-Identita` bin-nru. 42500(A), Passaport Libyan Nru. 852219**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Shokri Ali Alalwani li gie akkuzat u talli fil-25 ta’ Mejju 2006 ghal habta ta’ xi 9.30pm waqt li kien fil-fond, ‘Elain Flts’, No 2, Triq il-Mintba, M’Scala:-

ikkaguna hara fil-gisem jew fis-sahha , u cioe` offiza ta’ natura gravi fuq Muamr ali Maled Eltarhuni

ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Muamr ali Maled Eltarhuni u dan sabiex jingurjah, idejqu je jaghmillu hsara

akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lill imsemmi Muamr ali Maled Eltarhuni u dan sabiex iwegghu jew jinsulentah

akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi cejes , ghajjat u glied, jew b'mod iehor.

Rat id-dokumenti esebiti;;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liem aammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tieghu kif ukoll il-fatt illi l-imputat hu ukoll vittma f'dan l-incident fejn l-allegat vittma odjern ukoll ghadda proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(iu), 338(dd), 339(1)(e)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommeti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Finalment b’applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed torbot lil hati li jzomm il-kwiet mal-istess Mohamed Ali Milar u li jzomm il-bonordni u l-kwiet ma kullhadd ghal zmien sena mil-lum u dan taht penali ta’ hames mitt euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------